# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 50/2020/3 FDP**

**Wara l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv**

**numru 195/2019 fl-ismijiet:-**

**Johanna Ganado**

**v.**

**Edward De Gaetano**

1. Din id-deċiżjoni titratta l-appell ta' Johanna Ganado li sar skont l-Artikolu 281(4) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Il-fatti huma s-segwenti:

2.1. Fl-4 ta’ Marzu 2020 Edward De Gaetano ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fejn ippremetta:

> *“Illi bil-Mandat fuq riferit fil-mandat Johanna Ganado ottjeniet l-eżekuzzjoni tas-somma komplessiva ta’ mija u tlett elef, sebgħa mija, disgħa u erbgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€103,749.35) allegatament dovut in eżekuzzjoni tal-“parti disposittiva enumerata (1) tas-Sentenza fl-ismijiet Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano (1578/2001 NC) mogħtija fis-26 ta’ Jannar 2012 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell b’sentenza mogħtija fit-28 ta’ Ġunju 2013 (Dok D), liema parti disposittiva baqgħet mhux mittiefsa skont kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell ukoll fit-28 ta' Ġunju 2013 fil-kawża fl-ismijiet Johanna De Gaetano imwielda Ganado proprio et nominee vs Edward De Gaetano (1665/2001) (Dok E).”*
>
> *“Illi l-esponent odjern jissottometti li l-ammont indikat bħala 'Spejjeż' taħt it-titolu ta’ 'Kreditu’, ossija s-somma ta’ erbgħin elf, sitt mija, disgħa u disgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€40,699.35) huwa manifestament inkorrett u ma’ jirrispekkjax il-parti dispositiva tas-sentenza fl-ismijiet Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano (Ċitazzjoni numru 1578/2001 NC) mogħtija fis-26 ta' Jannar 2012 ċitata fil-mandat, liema parti dispositiva, l-esponent jaqbel ma Johanna Ganado, ma ġietx mittiefsa bis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013.*
>
> *“Illi effettivament u ġialadarba Johanna Ganado ma ppreżentatx kopja tas-sentenza mogħtija in prim' istanza fl-imsemmija kawża, l-esponent qiegħed jannetti tali sentenza bħala Dok DG1 fejn fir-rigward tal-ispejjea ġudizzjarji tal-kawża il-Qorti, fil-parti dispositiva, iddeċidiet li dawn kellhom jitħallsu mill-konvenuta, ossia Johanna Ganado. Kif imbagħad jidher mill-parti dispositiva tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (eżebita minn Johanna Ganado bħala Dok D malmandat), dik il-Qorti testwalment qalet "l-ispejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi minn dik il-Qorti.”*
>
> *“Illi għalkemm Johanna Ganado kellha l-opportunita li tintavola proċeduri għar-ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013, hija ma użufruwitx minn tali proċeduri u illum għaddew iktar minn ħames snin mill-għoti ta' dik is-sentenza.*
>
> *“Illi għalhekk fil-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv fuq indikat Johanna Ganado ma setgħetx titlob l-eżekuzzjoni tal-mandat billi tinkludi taħt l-"Spejjeż" dawk (u Vat) tagħha tal-ewwel istanza tal-kawża fuq indikata iżda kellha tagħmel ratizzazzjoni ta’ tali spejjeż flimkien mal-kwart tal-ispejjeż li kellha ssofri fl-istadju tal-appell skond is-sentenza Dok D fuq imsemmija. L-esponent għamel tali eżerċizzju kif jidher mill-annessi Dok DG2, DG3 u DG4 minn fejn jirriżulta li fil-fatt il-bilanċ tal-ispejjeż*

*ġudizzjarji (kompriż Vat) dovut lill-eżekutanti Johanna Ganado huwa ta' biss tnejn u għoxrin elf, disgħa mija, sitta u tletin euro u sebgħin ċenteżmu (€22,936.70).*

*"Illi inoltre kif indikat fid-Dok DG4, l-esponent kien iddepożita żewġ kawteli in garanzija tad-drittijiet tal-avukat u prokuratur legali minħabba iż-żewġ appelli fil-kawżi imsemmija fil-mandat, senjatament dawk biċ-ċitazzjoni numru 1578/2001 u 1665/2001, fl-ammont komplessiv ta' sbatax il-elf, mitejn u erbgħa u disgħin euro (€17,194). Għalhekk, Johanna Ganado ma kenitx ġustifikata li tinkludi l-ammont depożitat fl-imsemmija kawteli taħt il-kap tal- "Spejjeż" fil-mandat ta' sekwestru fuq riferit u konsegwent l-ammont taħt l-imsemmi kap għandu jiġi ridott għas-somma ta' ħamest elef, sitt mija, tnejn u erbgħin euro u sebgħin ċenteżmu (€5,642.70).*

*"Għaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob li ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar dik il-parti tal-mandat ta' sekwestru fuq riferit fejn Johanna Ganado talbet l-eżekuzzjoni tal-ispejjeż fl-ammont ta' erbgħin elf, sitt mija, u disgħa u disgħin, euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€40,699.35) billi tirriduċi l-istess ammont għas-somma ta' ħamest elef, sitt mija, tnejn u erbgħin euro u sebgħin ċenteżmu (€5,642.70)."*

2.2. L-intimata wieġbet:

*"Illi fir-rikors li għaliha qiegħda ssir din it-tweġiba, jidher li r-rikorrent odjern qiegħed jindirizza l-oġġezzjoni tiegħu limitatament għall-ispejjeż rigward il-kawża Edward De Gaetano versus Johanna De Gaetano (Ċitazzjoni numru 1578/2001 NC) kif indikati fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 195/2019;*

*"Illi sfortunatament, fl-istess rikors il-parti l-oħra mhux biss ma tatx il-fatti kollha lil din il-Qorti, iżda wkoll ippruvat tgħawweġ il-fatti kif jaqbel lilha biex tat stampa kemm jista' jkun ħażina u inveritjera lil din il-Qorti;*

*"Illi għalkemm huwa minnu li fis-Sentenza 1578/2001 NC hemm miktub "L-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-konvenut', il-fatt huwa li f'dik il-kawża "konvenut" ma kienx hemm imma kien hemm "konvenuta" u attur, liema attur ma kien ħadd ħlief l-istess Edward De Gaetano, ċioe' ir-rikorrent odjern;*

*"Illi evidentement dak kien l-apsus calami għaliex tenut kont tal-kontenut kollu tas-Sentenza hu ovvju li l-ispejjeż għandhom ikunu sopportati mill-attur f'dik il-kawża;*

*"Illi ir-rikorrent odjern eżebixxa biss kopja tas-Sentenza ta' l-Ewwel Istanza f'dik il-kawża, iżda biex din il-Qorti jkollha stampa ċara ta' dak li qiegħed jiġi diskuss f din il-proċedura u biex din il-Qorti tkun f'pożizzjoni tapprezza dak li fil-fatt ġara, ma din it-tweġiba qiegħda tiġi*

*mehmuża kopja informali tas-Sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-istess kawża mmarkata Dokument JG1 anke jekk kopja ta' dik is-Sentenza ġia' ġiet ippreżentata mar-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 195/2019;*

*"Illi mis-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Dokument JG1) jirriżulta li anke l-attur f'dik il-kawża (ir-rikorrent odjern) fehem li hu kellu jissoporti l-ispejjeż ta' l-Ewwel Istanza propju għaliex huwa appella mil-kap ta' l-ispejjeż ta' dik l-istess Istanza u l-Qorti ta' l-Appell ma tagħtux raġun!*

*"Illi fis-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Dokument JG1) hemm miktub testwalment hekk:*

> *"L-ewwel aggravju ta' l-attur huwa fir-rigward tal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet tkissret bi ħtija unika tiegħu u għalhekk ġew komminati fir-rigward tiegħu s-sanzjonijiet indikati mill-Artikolu 48 tal-Kap 16 u anke l-ispejjeż kollha tal-kawża" (emfasi miżjuda)*
>
> *"It-tielet aggravju jirrigwarda l-kundanna ta' l-attur li jħallas l-ispejjeż tal-kawża, għaliex huwa jgħid li ladarba ż-żwieġ ġie annullat fil-mori tal-proċeduri, l-ispejjeż kien messhom inqasmu bejn il-partijiet għaliex dejjem, skont hu, dejjem hekk isir ... L-appellant pero' ma ssustanzjax dan l-argument billi iċċita xi sentenzi li jabbraċċjaw din il-konklużjoni.*
>
> *"Fil-verita' l-unika gwida li tagħti l-Liġi dwar il-kap ta' l-ispejjez huwa l-artikolu 223(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili illi jgħid illi*
>
>> *"Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż."*
>
> *"Din ir-regola għandha tiġi modifikata biss kif jgħid is-sub-artikolu (3) ta' l-istess artikolu u ċioe' illi:*
>
>> *"Fil-każijiet kollha il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli ta' liġi, inkella għal xi raġuni tajba."*
>
> *"Għalhekk il-Qorti normalment għandha tiddeċiedi dwar il-kap ta' l-ispejjeż skont kif tat raġun jew tort lill-partijiet fid-deċiżjoni tagħha dwar il-mertu. F'dan il-każ billi l-Qorti tat tort lill-appellant fil-kwistjoni prinċipali, kien ukoll raġunat li kellu jbati l-ispejjeż tal-kawża." (Emfasi miżjuda)*

*"Illi bħallikieku dak ma kienx biżżejjed u qisu l-esponenti kienet taf x'ser jiġri, jiġi rilevat li l-esponenti wkoll appellat inċidentalment fuq il-kap ta' l-ispejjeż*

*biex jiġi stabbilit mingħajr ebda ekwivoku min mill-partijiet għandha tħallas l-ispejjeż ta' l-ewwel Istanza fil-kawża 1578/2001 NC u fuq dan il-punt il-Qorti ta' l-Appell iddeċidiet testwalment hekk:*

> *"**It-tieni aggravju** huwa palesament ġustifikat għaliex jidher ċar li meta l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża kellu jħallashom 'il-konvenut' hija kkommettiet 'lapsus calami' evidenti għaliex riedet tirreferi għall-attur. "*

*"Illi għalhekk, filwaqt li fuq dan il-punt ta' l-ispejjeż fil-kawża numru 1578/2001 NC, il-Qorti ta' l-Appell ma tatx raġun lir-rikorrent odjern, dik l-istess Qorti espliċitament tat raġun lill-esponenti u konsegwentement ma jibqa' ebda dubbju li meta l-Qorti ta' l-Appell iddeċidiet li "l-ispejjeż ta' l-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi minn dik il-Qorti" ġie definittivament deċiż li dawk l-ispejjeż irid iħallashom l-attur f dik il-kawża, cioe' ir-rikorrent odjern u ħadd iżjed;*

*"Illi l-argument imressaq mill-kontro-parti li l-esponenti ma talbet ebda ritrattazzjoni tas-Sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 mhux argument serju ghaliex huwa ovvju li fiċ-ċirkostanzi ma kienx każ ta' ritrattazzjoni;*

*"Illi lanqas ma huwa validu l-argument illi fil-mandat ta' sekwestru kellhom u għandhom jitqiesu il-kawteli in garanzija depożitati mir-rikorrent fir-Reġistru minħabba ż-żewġ appelli li hu għamel fil-kawżi 1578/2001 u 1665/2001 għaliex:*

*"1.Hija ħaġa min ewl id-dinja li garanzija hija anċillari u aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali. F'dan il-każ din l-obbligazzjoni prinċipali hija l-ħlas ta' l-ispejjeż. Għalhekk, jekk ir-rikorrent jibqa' ma jissodisfax din l-obbligazzjoni prinċipali tiegħu, l-esponenti tkun tista' teżegwixxi fuq dawk il-garanziji - imma r-rikorrent debitur ma jistax jippretendi li l-esponenti ma tipproċedix eżekuttivament għas-somma prinċipali kollha għaliex hemm garanziji depożitati l-Qorti!*

*"2. Il-kreditu ta' l-esponenti huwa wisq aktar mis-somma depożitata bħala garanzija anke fir-rigward ta' l-ispejjeż kif malament komputati mir-rikorrent. Debitur bħal ma hu r-rikorrent, mhux intitolat jippretendi li għal biċċa mis-somma li għandha tieħu l-esponenti kreditriċi, għandha tipproċedi fuq il-garanziji depożitati l-Qorti u għal bqija tibqa' nieqsa iżda tista' tagħmel sekwestru eżekuttiv. Id-debitur għandu jħallas id-dejn kollu u l-kreditriċi mhix obbligata li taċċetta l-ħlas ta' parti minn dak li hu dovut lilha aktar u aktar meta l-ħlas ta' dik il-parti tinvolviha fi proċedura oħra (żbank) fil-Qorti.*

*"GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet suesposti u għar-raġunijiet kollha li jistgħu jitressqu waqt is-smigħ ta' din il-proċedura, l-esponenti umilment tissottometti li t-talba rikorrenti hija kemm jista' jkun infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda minn din il-Qorti bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

2.3. B'digriet mogħti fil-25 ta' Settembru 2020, l-ewwel Qorti ddeċidiet:

*"Wara illi rat l-atti ppreżentati mill-partijiet,*
*"Wara illi rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 195/2019,*

*"Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi,*

*"Tilqa' limitatament ir-rikors ta' Edward De Gaetano u*

*"Tnaqqas is-somma ta' tnax-il elf, mija u sittin Euro u sebgħa ċentezmi (€12,160.07) mill-ammont indikat bħala "Spejjeż" fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv, u għalhekk;*

*"Tvarja u tirriduċi s-somma indikata bħala "Spejjeż" fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru 195/2019 għall-ammont komplessiv ta' tmienja u għoxrin elf, ħames mija u disgħa u tletin Euro u tmienja u għoxrin ċentezmu (€28,539.28), ossija sitt mija u erbgħa u tletin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€634.19) bħala spejjeż ġudizzjali, tlieta u għoxrin elf, sitt mija u tmienja u erbgħin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€23,648.38) bħala Drittijiet Legali u erbat elef, mitejn u sitta u ħamsin u Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€4,256.71) bħala Vat fuq id-Drittijiet Legali.*

*"Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha."*

2.4. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti:

*"10. L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tagħmel referenza għall-verbal illi sar mill-konsulent legali ta' Johanna Ganado fejn għarrfet il-Qorti li l-azzjoni odjerna kienet estinta in vista tat-trapass tal-perjodu ta' xahar mill-jum ta' preżentata tar-rikors, u dan a tenur tal-Artikolu 281(1) tal-Kap 12.*

*"11. Tosserva illi, tali eċċezzjoni ulterjuri ma tqajjmitx b'mod formali, kif trid il-Liġi, iżda waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern u ġie redatt u inkluż fil-verbal tal-Qorti.*

*"12. Tosserva illi l-leġislatur, meta għażel illi jimponi terminu daqstant riġidu fuq il-Qorti, kien qiegħed jikkontempla l-operat ta' tali terminu f'ambitu ta' ċirkostanzi normali renjanti fuq il-Qorti u fuq il-pajjiż normali u mhux fl-ambitu ta' sitwazzjoni ta' emerġenza medika nazzjonali u dinjija li serjament illimitat l-operat ta' kull attivita' filwaqt illi qiegħdet f'perikolu ta' mewt kull persuna vulnerabbli.*

*"13. Tosserva wkoll illi, għalkemm il-kawża kienet appuntata għas-smiegħ fis-7 ta' Lulju 2020, l-intimata qatt ma għamlet ebda oġġezzjoni għat-talba ta' differiment illi sar mill-konsulent legali tar-rikorrent, u dana kemm meta ġie ippreżentat ir-rikors għal differiment fis-26 ta' Ġunju 2020 illi ġie lilha notifikat u wisq anqas dakinhar illi kellha ssir il-kawża.*

*"14. Tosserva, finalment, illi kwalsiasi eċċezzjoni, tkun xi tkun l-implikazzjoni tagħha, għandha titqajjem u titressaq formalment, u mhux titqajjem waqt li qed issir ittrattazzjoni u tiġi redatta fil-minuti tal-kawża.*

*"15. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-intimata ma oġġezzjonatx għat-talba ta' differiment tas-26 ta' Ġunju 2020, hija akkonsentiet għal fatt illi l-meritu tar-rikors odjern seta jigi dibattut u deċiż fit-22 ta' Settembru 2020, u għalhekk se tgħaddi biex tikkunsidra r-rikors.*

*"Ikkunsidrat*

*"16. Illi jirriżulta, mir-rikors promotur, illi r-rikorrenti qiegħed jitlob ir-riduzzjoni tal-kap tal-ispejjeż indikat fil-Mandat ta' Sekwestru 195/2019 minn €40,699.35, kif hemm indikat, għal €5,642.70, u dana għar-raġunijiet segwenti:*

> *"a. Illi, a tenur tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Jannar 2012 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 fil-kawża Edward De Gaetano vs Johanna de Gaetano, Rik Nru 1578/2001, l-ispejjeż kienu a kariku ta' Johanna Ganado ġia' De Gaetano u mhux ir-rikorrent, u għalhekk ma setgħux jintalbu minn Johanna Ganado.*
>
> *"b. Illi, sabiex saru l-appelli mir-rikorrent miż-żewġ proċeduri pendenti bejn il-partijiet, huwa ddeposita kawleta biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż, liema kawtela għandha tiġi żbankata mill-intimata u għalhekk imnaqqsa mill-ammont dovut.*

*"17. Illi jirriżulta, mid-difiża ta' l-intimata, illi hija qiegħda toġġezzjona għal tali rikjesti għal żewġ raġunijiet:*

> *"a. Illi, dwar l-ispejjeż tal-kawża 1578/2001 fuq indikata, għalkemm huwa minnu illi fl-ewwel istanza ġie dikjarat u deċiż illi l-ispejjeż kienu "a kariku talkonvenut", il-Qorti tal-Appell kkonkludiet illi dana kien 'lapsus calami', stante illi kien ċar illi tali spejjeż kellhom ikunu a kariku tar-rikorrent f'dik il-kawża, ossija Edward De Gaetano.*
>
> *"b. Illi dwar il-flejjes depositati bħala garanzija fl-appell, tali flejjes huma hemm unikament bħala garanzija f'każ illi l-ħlas finali ma jseħħx, u huwa dritt ta' l-intimata illi tagħżel li titħallas direttament minn fondi oħra lilha aċċessibbli mingħajr il-ħtieġa illi titlob ir-rilaxx tal-flejjes depositati in garanzija.*

*"Ikkunsidrat*

*"18. Il-Qorti, tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv inħareġ sabiex jiġi eżegwit Titolu Eżekuttiv illi l-intimata Johanna De Gaetano ottejniet permezz ta' żewġ sentenzi mogħtija, finalment u kontemporanjament mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013, u għalhekk dana ġie ppreżentant korrettement entro l-perjodu ta' ħmistax-il sena kkontemplat mill-Artikolu 258 (a) għall-eżekuzzjoni ta' l-istess.*

*"19. Tosserva wkoll illi l-ewwel kontestazzjoni tar-rikorrenti tirrigwarda l-ispejjeż kif akkollati fil-kawża 1578/2001 fis-26 ta' Ġunju 2012 u kkonfermati fit-28 ta' Ġunju 2013.*

*"20. Tosserva illi, fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 2012, fil-kawża 1578/2001, fil-parti disposittiva tagħha, ġie dikjarat illi "L-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-konvenut".*

*"21. Tosserva wkoll illi, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013, fil-kawża 1578/2001, fil-parti disposittiva tagħha, ġie dikjarat illi "L-ispejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi minn dik il-Qorti."*

*"22. Tosserva illi, filwaqt li huwa minnu li l-Qorti tal-Appell indikat, fil-korp tas-sentenza tagħha, li l-fatt li l-ewwel Qorti akkollat l-ispejjeż lill-intimata kien attwalment "lapsus calami", jidher illi dana il-ħsieb ma ġiex rifless fid-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell, fejn ġie riaffermat illi l-ispejjeż, kif stabbiliti mill-Ewwel Qorti, kienu għadhom applikabbli.*

*"23. Tosserva illi ma jidhrix illi l-intimata Johanna Ganado għamlet xi azzjoni a tenur tal-Artikolu 825 (1) tal-Kap 12 fejn talbet korrezzjoni fl-iżball tal-kalkoli tal-Qorti, u wisq anqas ma jidher illi intavolat xi proċeduri a tenur tal-Artikolu 811 (i) sabiex jiġi dikjarat illi kien hemm "disposizzjonijet kontra xulxin" fis-sentenza finali.*

*"24. Tosserva, għalhekk, illi, abbażi tal-Artikolu 219 tal-Kap 12, id-dikjarazzjoni deċiżiva dwar il-kap tal-ispejjeż ġiet mdaħħla fid-dispositiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u hemm ġie deċiż illi l-ispejjeż ta' l-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi minn dik il-Qorti, ossija a kariku ta' Johanna Ganado.*

*"25. Jirriżulta, għalhekk, illi Johanna Ganado ma setgħetx titlob il-ħlas ta' tali spejjeż fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv meritu tal-proċeduri odjerni.*

*"26. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi in vista ta' tali fatt, l-ispejjeż kellhom jiġu ridotti għall-ammont ta' €22,936.70 u għal dan il-għan ippreżenta prospett sabiex jiġġustifika tali riduzzjoni.*

*"27. Jirriżulta illi fil-kalkoli tar-rikorrenti, huwa għamel ratejizazzjoni tal-ispejjeż, fejn indika wkoll l-ispejjeż illi kienu lilu dovuti a tenut tas-sentenzi mogħtija, u għalhekk wasal għall-ammont ta' riduzzjoni ta' €17,762.65 mill-ammont inizzjalment indikat bħala spejjeż.*

*"28. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi skond l-iskeda ta' komputazzjoni redatta mill-intimata Johanna Ganado fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv, l-ispejjeż minnha pretiżi u mitluba in konnessjoni mal-kawża deċiża fl-ewwel istanza fis-26 ta' Jannar 2012 (1578/2001 NC), kienu jammontaw komplessivament għal €12,160.07, ossija €9,784.65 bħala Spejjeż Ġudizzjarji, €2,013.07 bħala Drittijiet Legali u €362.35 bħala VAT fuq id-Drittijiet Legali.*

*"29. Jirriżulta, attwalment, illi a differenza ta' dak rikjest mir-rikorrent, hija attwalment is-somma indikata mill-intimata fl-atti tal-Mandat innifsu, ossija €12,160.07, illi għandhom jitnaqqsu mill-ammont mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru, u magħhom ma għandhomx jingħaddew flejjes oħra dovuti lir-rikorrent abbażi ta' sentenzi oħra.*

*"30. Dana qiegħed jingħad, stante illi l-Mandat odjern jirrelata biss ma spejjeż dovuti lill-intimata Johanna Ganado BISS, u għalhekk ma jistgħux jitnaqqsu awtomatikament flejjes dovuti lil Edward De Gaetano wkoll – dana jista' jsir biss bi qbil bejn il-partijiet u jidher ċar illi qbil bejn il-partijiet ftit li wisq jidher illi jista' qatt jintlaħaq.*

*"31. Għalhekk, l-import tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv għandu ċertament jitnaqqas bl-ammont ta' €12,160.07 rappreżentanza l-ispejjeż tal-kawża 1578/2001 deċiża fis-26 ta Jannar 2012.*

*"Ikkunsidrat*

*"32. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi fir-Reġistru tal-Qorti hemm somma fl-ammont ta' €17,294 illi kienet ġiet minnu ddepositata bħala garanzija għall-ispejjeż tal-kawża kif rikjest fl-Artikolu 249 (1) tal-Kap 12.*

*"33. Jirriżulta illi l-intimata qiegħda toġġezzjona illi jigu mnaqqsa mill-ammont mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv, stante illi tisħaq illi dawka l-flejjes huma biss garanzija sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż, liema flejjes għandhom jinġabru biss f'każ illi hija ma tkunx f'posizzjoni illi tottjeni l-ħlasijiet lilha dovuti minn fondi oħra.*

*"34. Il-Qorti tosserva illi, kif korrettement tirrileva l-intimata, l-flejjes depositati fil-Qorti bħala Garanzija għall-ispejjeż, ma humiex flejjes illi jistgħu jiġu liberament żbankati minnha sabiex jitħallsu l-ispejjeż tagħha, iżda huma biss spejjeż li ġew depositati sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħha f'każ illi ma tkunx tista' tiġborhom b'xi mezz ieħor.*

*"35. Filwaqt illi huwa minnu illi jaf li hija l-prassi li, wara li jitlestew il-proċeduri fil-Qorti, tali flejjes eventwalment jiġu żbankati minn min*

*għandu dritt għalihom, ġeneralment bil-visto tal-kontro parti, tali flejjes ma jistgħux jiġu żbankati liberament minn min għandu dritt għalihom, iżda għandu jitlob għall-ordni tal-Qorti sabiex isir dan, ossija proċedura oħra separata u distinta minn dik odjerna.*

*"36. Jirriżulta, għalhekk, illi huwa dritt ta' min qiegħed jitlob il-ħlas ta' dak lilu dovut, li jagħzel hu minn fejn ser jitħallas għall-ispejjeż minnu inkorsi, u għandha tkun prerogattiva tiegħu biss jekk jiġborhomx minn dak depositat bħala garanzija jew inkella minn flejjes oħra illi huma aktar faċilment aċċessibbli għalih.*

*"37. Għalhekk, filwaqt illi huwa minnu li l-ammont ta' €17,294 relatati mal-ispejjeż mitluba fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv odjern huma depositati fil-Qorti, dawna ma humiex liberament aċċessibbli għall-intimata u għalhekk r-rikorrent ma jistax jitlob illi jitnaqqsu mill-ammont indikat fil-Mandat meritu tal-kawża odjerna.*

*"38. Għalhekk, l-ammont ta' €17,294 ma għandhomx jitnaqqsu mill-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv."*

3. Permezz ta' rikors tal-appell preżentat fl-1 ta' Ottubru 2020, l-intimata Johanna Ganado appellat u talbet, *'ir-riforma u modifika tiegħu billi l-appellanti umilment tissottometti illi hija ma għandiex l-anqas tbagħti t-tnaqqis ta' €12,160.07 mill-ispejjeż fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 195/2019 kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti fl-istess digriet'* abbażi tal-aggravji:

i. '*evidentement*' l-Ewwel Qorti ma laqgħetx il-preġudizzjali sollevata waqt is-smigħ quddiema fit-22 ta' Settembru 2020 għaliex '*naqset li tapprezza n-natura legali tagħha meta skartata mingħajr lanqas ma effettivament ċaħditha fil-parti dispożittiva tad-Digriet Appellat;*

ii. fil-mertu, '*fid-digriet appellat'* l-Ewwel Qorti effettivament skartat u marret kontra dak li ġie deċiż partikolarment fis-sentenza finali

ta' din il-Qorti fil-kawża <u>*Edward De Gaetano versus Johanna De Gaetano*</u> (ċitazzjoni numru 1578/2001/1) tat-28 ta' Ġunju 2013.

4. Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellat wieġeb li jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti iżda osserva li r-rikors oġġett ta' dawn il-proċeduri, kien pendenti waqt ċirkostanzi ta' emerġenza medika nazzjonali u internazzjonali li kkreat restrizzjonijiet leġittimi fuq l-operat tal-Qrati kif ukoll illi f'kull każ, kemm-il darba r-rikors ikun miċħud minħabba li d-deċiżjoni finali ngħatat wara t-terminu stabbilit mil-liġi, l-appellant xorta jkollu jedd jippreżenta rikors identiku u għalhekk l-ewwel aggravju jmur kontra l-ekonomija tal-ġudizzju. Dwar it-tieni aggravju wieġeb illi mhux mistħoqq in kwantu l-ġurisprudenza tgħallem li l-parti dispożittiva ta' sentenza tipprevali fuq kwalsiasi konsiderazzjonijiet magħmula fl-istess sentenza u l-appellanti ma pprevalitx ruħha mid-dritt li tikkoreġi l-parti dispożittiva tas-sentenza tramite ritrattazzjoni u llum m'għadx fadlilha dritt tagħmlu.

5. Fl-udjenza quddiem din il-Qorti tat-3 ta' Diċembru 2020, l-appellanti ddikjarat li mhux tinsisti fuq l-ewwel aggravju. Jibqa' għalhekk biex jiġi deċiż it-tieni aggravju dwar il-mertu.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>.

6. Permezz tat-tieni aggravju tagħha l-appellanti tilmenta li biex l-ewwel Qorti waslet għat-tnaqqis ta' €12,160.07 hija injorat dak li ddeċidiet din il-Qorti fir-*ratio decidendi* tas-sentenza fl-ismijiet *<u>Edward De Gaetano versus Johanna De Gaetano</u>* (ċitazzjoni numru 1578/2001/1) mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2013 bir-riżultat li l-ewwel Qorti tat lill-appellat dak li ma rnexxilux jottjeni minn din il-Qorti seba' snin ilu. Tinsisti li għalkemm l-Artikolu 219 tal-Kap. 12 jipprovdi li d-dikjarazzjoni deċiżiva tal-Qorti trid tkun fil-parti operattiva tas-sentenza, dan ma jfissirx li din il-parti ma għandiex tittieħed flimkien mal-bqija tar-*ratio decidenti* tas-sentenza fl-applikazzjoni tagħha.

7. Il-pern ta' dan l-aggravju huma s-sentenzi mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Jannar 2012 u minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 2013 fil-kawża bin-numru 1578/2001 fl-ismijiet *<u>Edward De Gaetano v. Johanna De Gaetano</u>*. Jirriżulta li:

7.1. Il-kawża inbdiet minn Edward De Gaetano sabiex tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u martu l-konvenuta Johanna De Gaetano. Talab ukoll li tinħall il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom;

7.2. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2012, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja): (i) astjeniet milli tippronunzja s-separazzjoni personali, stante li fil-frattemp iż-żwieġ bejn il-partijiet kien ġie dikjarat null (abbażi ta' nuqqasijiet unikament attribwibbli lill-attur) skont sentenza mogħtja mit-Tribunal Metropolitan u kkonfermata mit-Tribunal Reġjonali tat-II Istanza, liema sentenzi ġew reġistrati b'digriet mogħti minn din il-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 2007; (ii) astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba dwar il-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet stante li saru maġġorenni; (iii) laqgħet it-tielet talba b'dan illi applikat kontra l-konvenuta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48(1)(a) u (d) tal-Kodiċi Ċivili; u (iv) laqgħet ir-raba' talba billi llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, bl-*'ispejjeż kollha ikunu a karigu tal-konvenut.'*

7.3. L-attur f'dik il-kawża appella billi talab lill-Qorti tal-Appell tilqa' l-aggravji tiegħu fis-sens li '*r-raba talba attriċi għandha tiġi milqugħa mingħajr likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti liema talba hija ultra petita u li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jiġu sopportati mill-konvenuta'*;

7.4. Flimkien mar-risposta tal-appell tagħha, l-konvenuta Johanna De Gaetano ressqet appell inċidentali li permezz tiegħu talbet bdil fis-sentenza appellata sabiex din il-Qorti, '*tirrevokaha inkwantu l-ewwel Qorti laqgħet it-tielet talba attriċi u minflok tiċħadha; u talloka l-ispejjeż tal-kawża lill-attur appellant u tikkonferma l-istess sentenza għal bqija tagħha.'*

7.5. Permezz ta’ sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2013, din il-Qorti diversament komposta ddeċidiet billi: (i) laqgħet limitatament l-appell prinċipali tal-attur billi filwaqt li rrevokat dik il-parti tas-sentenza dwar ir-raba’ talba attriċi fejn il-Qorti llikwidat u qasmet il-komunjoni tal-akkwisti, minflok tiddikjara biss xolta u mitmuma l-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn il-partijiet; (ii) laqgħet l-appell inċidentali tal-konvenuta u rrevokat id-deċiżjoni tal-akkoljiment tat-tielet talba attriċi u allura ċaħdet l-istess talba; (iii) ikkonfermat is-sentenza appellata fil-partijiet l-oħra kollha tagħha; (iv) *‘L-ispejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi minn dik il-Qorti. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-appell pero l-attur appellant għandu jitħallas tlett kwarti (3/4) tal-ispejjeż u kwart (1/4) il-konvenuta appellata.’*

8. Huwa minnu li skont l-Artikolu 219 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta:

> *“219. Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv.”*

9. Madanakollu, l-artikolu preċedenti għal dan jiddisponi ukoll illi:

> *“218. Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut ...”*

10. Ir-raġunijiet mogħtija f’sentenza għandhom għalhekk jinqraw flimkien mal-konklużjoni raġġjunta fid-dispożittiv. Dan għaliex minnhom tinftiehem b’mod aktar sħiħ il-volonta` tal-ġudikant:

> *“Del resto kif pacifikament stabbilit “l-volonta tal-gudikant tista’ tittiehed anki mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispozittiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din*

> *definit u spjegat" (Vol XXX pI p131; Vol XXXVII pI p51; Vol XLII pI p287; "Rita Grech et –vs- Segretarju tad-Djar", App. Sede Inferjuri, 18 ta' Frar 1986).*[1]

11. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża bin-numru 1578/2001 fl-ismijiet Edward De Gaetano v. Johanna De Gaetano fit-28 ta' Ġunju 2013, *inter alia* saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"It-tielet aggravju jirrigwardja l-kundanna tal-attur li jhallas l-ispejjez tal-kawza, ghaliex huwa jghid li ladarba z-zwieg gie annullat fil-mori tal-proceduri, l-ispejjez kien messhom inqasmu indaqs bejn il-partijiet ghaliex dejjem, skont hu, dejjem hekk isir. L-appellant pero` ma issustanzjax dan l-argument billi iccita xi sentenzi li jabbraccjaw din il-konkluzjoni.*
>
> *"Fil-verita` l-unika gwida li taghti l-ligi fir-rigward dwar il-kap tal-ispejjez, huwa l-Artikolu 223 (1) tal-Kodici tal-Procedura Civili illi jghid illi;*
>
> > *"Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż."*
>
> *"Din ir-regola ghandha tigi modifikata biss kif jghid is-subartikolu (3) tal-istess artikolu u cioe` illi;*
>
> > *"Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun ittelliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba."*
>
> *"Ghalhekk il-Qorti normalment ghandha tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez skont kif tat ragun jew tort lill-partijiet fid-decizjoni taghha dwar il-mertu. F'dan il-kaz, billi l-Qorti tat tort lill-appellant fil-kwistjoni principali kien ukoll ragunat li kellu jbati l-ispejjez tal-kawza.*
>
> *...*
>
> *"AGGRAVJI TAL-KONVENUTA FIL-KONTRO-TALBA TAGHHA*
>
> *"L-ewwel aggravju huwa li l-Qorti kienet zbaljata meta applikat fil-konfront tal-appellata l-estremi tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili u kwindi d-dekadenza tad-dritt li tircievi lalimenti. Dan l-artiklu jghid hekk;*
>
> *...*

---

[1] Josephine Bonello pro et noe v. John Bonello, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2003.

> *"L-Artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artiklu jsemmu adulterju u abbandun rispettivament. L-Artiklu 40 imbaghad jirreferi ghal addebiti l-ohra li jwasslu ghasseparazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-attrici appellanti ghandha ragun tilmenta dwar dan u ma hemm ebda raguni legali ghaliex ghandha tiddekadi mid-drittijiet imsemmija fl-artiklu 48 ghaliex la jirrizulta li hija kkomettiet adulterju u lanqas li kappricozament abbandunat lill-konvenut jew lil familja. Il-Qorti tal-Familja waslet ghal konkluzjoni li hija telqet mid-dar ghax giet kostretta taghmel hekk u ma rriskontrat ebda addebitu ai termini talArtikolu 40 fil-konfront taghha; kif gia` ssemma din il-Qorti mhijiex se tidhol fl-apprezzament tal-provi li ghamlet dik il-Qorti ghax ma jidhrilix li hemm l-estremi biex taghmel hekk. Kwindi f'dan l-aspett il-Qorti se tilqa' l-aggravju taghha.*
>
> *"It-tieni aggravju huwa palesament gustifikat ghaliex jidher ben car li meta l-ewwel Qorti ddecidiet li l-ispejjez tal-kawza kellu jhallashom 'il-konvenut' hija ikkomettiet 'lapsus calami' evidenti ghaliex riedet tirreferi ghal attur."*

12. Jirriżulta minn dan illi:

12.1. mhux biss il-Qorti tal-Appell stabbiliet b'mod ċar illi meta l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża kellu jallashom 'il-konvenut' hija ikkomettiet '*lapsus calami'* evidenti għaliex riedet tirreferi għall-attur; iżda ukoll illi

12.2. tant dak l-iżball kien wieħed manifest li l-istess attur, ossija Edward De Gaetano, appella mill-kap tal-ispejjeż billi permezz tat-tielet aggravju ilmenta mill-fatt li ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża għaliex sostna li ladarba ż-żwieġ ġie annullat fil-mori tal-proċeduri, l-ispejjeż kellhom jinqasmu indaqs bejn il-partijiet; u

12.3. *multo magis,* it-tielet aggravju tal-attur appellant dwar il-kap tal-ispejjeż ma ntlaqax.

13. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tifhem għalfejn f'punt numru 23 tad-deċiżjoni appellata l-ewwel Qorti osservat li '*ma jidhrix li l-intimata Johanna Ganado għamlet xi azzjoni a tenur tal-Artikolu 825 (1) tal-Kap 12 fejn talbet korrezzjoni fl-iżball tal-kalkoli tal-Qorti, u wisq anqas ma jidher illi intavolat xi proċeduri a tenur tal-Artikolu 811 (i) sabiex jiġi dikjarat illi kien hemm "disposizzjonijet kontra xulxin" fis-sentenza finali.'*

14. F' sentenza fl-ismijiet Farrugia Saviour et v. Farrugia Teddie George Dr. Et mogħtija fit-23 ta' April 2012 minn din il-Qorti intqal illi:

> *"Hu risaput li l-kontradizzjoni, biex taghti lok ghar-ritrattazzjoni, trid tirrizulta fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, pero`, dawn ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni biex jigi deciz jekk, fil-verita`, hemmx jew le dispozizzjonijiet kontra xulxin."*[2]

15. Is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2013 ma fihiex żball ta' kalkolu u tant inqas ma' fiha dispożizzjonijiet konfliġġjenti b'dan illi l-konvenuta u appellanti odjerna ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tirrikorri għall-proċeduri ta' korrezzjoni jew ritrattazzjoni li għalihom irreferiet il-Qorti tal-ewwel istanza.

16. Fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2013, il-Qorti tal-Appell qalet b'mod ċar li meta fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2012 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża kellu jħallashom '*il-konvenut',* dik il-Qorti kkomettiet '*lapsus calami'* evidenti għaliex riedet tirreferi għal

---

[2] Ara ukoll *Montebello Peter et v. Cauchi Joseph et* mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-3 t' Ottubru 2008

attur. Isegwi, li meta fid-dispożittiv tal-istess sentenza ġie deċiż li '*<u>l-ispejjeż</u> tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi minn dik il-Qorti'* dan il-kliem ma jista' jinftiehem bl-ebda mod ieħor ħlief fis-sens illi tali spejjeż għandhom jibqgħu a karigu tal-attur, ossija l-appellat odjern.

17. Din il-Qorti tqis bħala vessatorju kull argument illum magħmul mir-rikorrent appellat fis-sens illi l-ispejjeż tal-prim' istanza f'dik il-kawża għandhom jitqiesu a karigu tal-'*konvenuta'* f' dawk il-proċeduri, ossija, Johanna Ganado, u għalhekk, skont l-istess appellat, għandhom jitnaqqsu mis-somma ndikata fil-Mandat ta' Sekwestru 195/2019. Dan meta tikkunsidra li l-appellat stess permezz tat-tielet aggravju tal-appell tiegħu fil-kawża bin-numru 1578/2001 fl-ismijiet *<u>Edward De Gaetano v. Johanna De Gaetano</u>* kien jaf li l-ispejjeż quddiem il-Qorti tal-ewwel grad kellu jbatihom hu. Ladarba dak l-aggravju ġie miċħud filwaqt li intlaqa' l-appell inċidentali tal-appellanti, il-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2013 hi ċara. L-ispejjeż huma a karigu tal-appellant.

18. Isegwi għalhekk li r-rikors ippreżentat mis-sekwestrat Edward De Gaetano fl-4 ta' Marzu 2020 ma kellu qatt jiġi milqugħ fuq tali premessa.

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tal-25 ta' Settembru 2020 li bih l-ewwel Qorti laqgħet *in parte* r-rikors ta' Edward

De Gaetano tal-4 ta' Marzu 2020 u naqqset is-somma ta' tnax-il elf, mija u sittin Ewro u seba' ċenteżmi (€12,160.07) mis-somma mitluba mill-appellanti bħala '*spejjeż'* fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru 195/2019, u minflok tiċħad it-talba magħmula mill-appellat bir-rikors tal-4 ta' Marzu 2020 bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr